A.L. 32 ta' l-1982

ATT TA' L-1976 DWAR L-AWTORITA' TAD-DJAR

(ATT NRU. XV TA' L-1976)

Ordni ta' l-1982 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Nru. 3)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 12 ta' l-Att ta' l-1976 dwar l-Awtorità tad-Djar, il-President ta' Malta għamel l-ordni li ġej:—

Titolu.

1. Dan l-ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' l-1982 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Nru. 3).

Proprjetà speċifikata.

2. Il-proprjetà deskritta fil-paragrafu 4 ta' dan l-ordni hi b'dan speċifikata għall-finijiet ta' l-artikolu 12 ta' l-Att ta' l-1976 dwar l-Awtorità tad-Djar.

Jum stabbilit.

3. Il-proprjetà speċifikata fil-paragrafu 2 ta' dan l-ordni għandha tiġi trasferita lill-Awtorità tad-Djar u tiġi vestita fiha kif provdut fl-imsemmi artikolu b'seħħ mill-11 ta' Ġunju, 1982.

Deskrizzjoni ta' proprjetà speċifikata.

4. Il-proprjetà msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-ordni hi din li ġejja, jiġifieri:

(a) Id-dar numru 79, *Estate* tad-Djar tal-Gvern, Ħad Dingli.

(b) *Flat* numru 1, Blokk 8, Triq il-Fosos, *Estate* tad-Djar tal-Gvern, il-Furjana.

(ċ) Id-dar numru 1, *Estate* tad-Djar tal-Gvern, il-Gudja.

(d) *Flat* numru 6, Blokk B I, *Estate* tad-Djar tal-Gvern, il-Mellieħa.

(e) Id-dar numru 47, *Estate* tad-Djar tal-Gvern, il-Mosta.

(f) *Flat* numru 1, Blokk II, *Estate* tad-Djar tal-Gvern, Paola Hill, Raħal Ġdid.

(ġ) Id-dar numru 3, *Estate* tad-Djar tal-Gvern, il-Qrendi.

(ħ) Id-djar li ġejjin fir-Rabat, Malta:

(i) Id-dar numru 8, Blokk IV, Triq Għeriexem, *Estate* tad-Djar tal-Gvern, ir-Rabat, Malta;

(ii) Id-dar numru 4, Blokk 3, Triq Għeriexem, *Estate* tad-Djar tal-Gvern, ir-Rabat, Malta;

(iii) Id-dar numru 6, Old Slaughterhouse Area, *Estate* tad-Djar tal-Gvern, ir-Rabat, Malta.

(i) Id-dar numru 14, Estate tad-Djar tal-Gvern, Ħal Safi.

(j) Id-dar numru 5, Blokk L, Neighbourhood I, San Ġwann.

(k) Id-dar numru 2, Geranium Path, *Estate* tad-Djar tal-Gvern, Santa Lucia.

(l) Id-dar numru 3, Area 3, *Estate* tad-Djar tal-Gvern Ta' Giorni, limiti ta' San Ġiljan.

(m) Id-dar numru 42, Triq San Nikola, il-Belt Valletta.

(n) Id-djar li ġejjin f'Ħaż Żabbar:

(i) Id-djar numru 5, 84, 115, 119 u 129, *Estate* tad-Djar tal-Gvern, Ħaż Żabbar;

(ii) Id-dar numru 20, *Estate* tad-Djar tal-Gvern tax-Xgħajra, Ħaż Żabbar.

(o) Id-dar numru 2, Triq il-Mitħna, *Estate* tad-Djar tal-Gvern, Ħaż Żebbuġ.

(p) Id-djar li ġejjin fiż-Żejtun:

(i) Id-djar numri 5, 39, 68 u 111, *Estate* tad-Djar tal-Gvern, iż-Żejtun;

(ii) *Flat* numru 39, Blokk D, *Estate* tad-Djar tal-Gvern, iż-Żejtun.

(q) Id-djar numri 27, 132, 137 u 143, *Estate* tad-Djar tal-Gvern, iż-Żurrieq.

(r) Id-djar li ġejjin fir-Rabat, Għawdex:

(i) *Flat* numru 15 u d-dar numru 2, Sannat Road, *Estate* tad-Djar tal-Gvern taċ-Ċawla, ir-Rabat, Għawdex;

(ii) Id-dar numru 3 Off Sannat Road, *Estate* tad-Djar tal-Gvern taċ-Ċawla, ir-Rabat, Għawdex;

(iii) Id-dar numru 18, Triq 7 ta' Ġunju 1919, *Estate* tad-Djar tal-Gvern taċ-Ċawla, ir-Rabat, Għawdex.